**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.),**
**B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Nathaniel Agius**

Kaz Numru: 260/2015

Illum 16 ta’ Settembru 2015

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Nathaniel Agius** detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 24293 (G) billi huwa akkuzat talli fl-20 ta' Frar 2015 ghall-habta ta’ 12:00 hrs u fis-snin ta' qabel, fil-fond “Gorgton”, Triq Dun Xand Aquilina, Sannat:

1. Zamm xi ghasafar, kemm hajjin kemm mejtin, jew parti minn xi ghasafar, li l-kacca jew it-tehid taghhom huwa projbit taht ir-regolamenti ta' l-2006 dwar il-

Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi, u cioe' Cewcewwa Zghira Tringa Stagnatils u Gallozz tat-Tikek Porzana porzana (inkluz fi skeda I), kontra id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti meta dawk l-ghasafar ma kienux gew iddikjarati u registrati ma' l-Awtorita' Kompetenti sal-31 ta' Mejju 2003 u minghajr ma inaghta l-permessi, jew certifikati mill-Awtorita' Kompetenti sabiex izomm dawk l-ghasafar u dan bi ksur ta' regolament 4 (1) (e) tal-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat.

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi zamm ghasafar, kemm hajjin kemm mejtin, jew parti minn xi ghasafar mhux imsemmijin fl-Iskeda II jew l-Iskeda III ta' r-regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi, u cioe' Cewcewwa Zghira Tringa stagnatils u Gallozz tat-Tikek Porzana porzana (inkluz fi skeda I) meta dawk l-ghasafar ma kienux ittiehdu fi Stat Membru iehor fejn ikun jistghu jittiehdu jew jinqabdu legalment taht id-disposizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi kif ukoll taht il-ligijiet ta' dak l-Istat Membru l-iehor u dawk l-ghasafar ma kienux migjuba f'Malta wara l-1 ta' Mejju 2004 u dan bi ksur ta' regolament 4 (1) (f) tal-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat.

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi naqas milli jzomm fil-pussess tiegheu u ghall-perjodu kollu li kien fil-pussess ta' kampjuni, u cioe' Cewcewwa Zghira Tringa stagnatils u Gallozz tat-Tikek Porzana porzana (inkluz fi skeda I), il-permessi, certifikati u dokumenti ohrajn kollha li jippruvaw ghas-sodisfazzjon tal-awtorita' kompetenti li dawk il-kampjuni ma kienux miksuba kontra d-disposizzjonijiet ta' r-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u dan bi ksur ta' regolament 4 (1) (f) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat.

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kellu fil pussess tieghu xi ghasfur jew ghasafar ibbalzmati li l-ispeci taghhom mhux inkluza fl-Iskeda III li tinsab mar-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi, u cioe' Cewcewwa Zghira Tringa stagnatils u Gallozz tat-Tikek Porzana porzana (inkluz fi skeda I), li ma kienux gew registrati mat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi fiz-zmien stipulat fis-subregolament (6) ta' regolament 21 ta' l-l-A.L. 79 ta' l-2006 bi ksur ta' regolament 21 (5) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006.

U aktar talli fis-snin ta' qabel fil-gzejjer Maltin:

5. Ikkaccja jew ipprova jikkaccja, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur li huwa protett skont ir-regolamenti dwar il- konservazzjoni ta` l- Ghasafar Selvaggi, u cioe Gallozz tat-Tikkek Porzana porzana (inkluz fi skeda I), mhux skont dawn ir-regolamenti u mhux skont il-kundizzjonijiet ta' kull licenza li tinghata tahthom u dan bi ksur ta regolament 4(1)(a) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat.

6. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkaccja jew ipprova jikkaccja lil xi ghasfur minbarra dawk imsemmija fi Skeda II, u cioe Gallozz tat-Tikkek Porzana porzana (inkluz fi skeda I), u dan bi ksur ta' regolament 5 (1) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat.

7. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkaccja minn fuq l-art xi ghasfur li mhux elenkat fit-Taqsima A tal-Iskeda II, u cioe Gallozz tat-Tikkek Porzana porzana (inkluz fi skeda I), bi ksur ta' regolament 5 (3) (a) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat.

8. Akkuzat ukoll talli sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' Ghawdex (Mgt. Dr. E. Grima LL.D.) datata 17 t'Ottubru 2013, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba illi barra li taghti l-piena taht ir-regolament 27 (2) tal-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-corpus delicti u r-revoka ta' kull licenza jew permess mahruga taht ir-regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghall- perjodu applikabbli taht l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-fatti**

L-imputat qed jigi akkuzat b'diversi reati minhabba z-zamma tat-tajr protett Gallozz tat-Tikek u Cewcewwa Zghira li nstabu u gew elevati mir-residenza ta' nanntu f'Ta' Sannat fejn hu jghix, fl-20 ta' Frar 2015, wara rapport anonimu li wasal ghand il-pulizija.

Dawn it-tajr gew ezebiti b'mod formali waqt id-depozizzjoni moghtija fil-14 ta' Lulju 2015 mill-Ispettur Bernard Charles Spiteri. Dawn it-tajr jidhru f'ritratt li jinsabu f'Dok.GH (a fol. 25). Da parte tieghu, l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Bernard Charles Spiteri (a fol. 35 et seq.) ikkonferma li dawn it-tajr gew elevati mir-residenza tan-nanna tal-imputat.

Jirrizulta li t-tajr in kwistjoni kienu bbalzmati u li l-imputat qatt ma talab permess biex izomm tajr protett ibbalzmat u li qatt ma talab permess biex jigi trasferit lilu tajr protett ibbalzmat. Jirrizulta wkoll li ma kienx hemm hadd iehor fl-istess residenza li kien registrat fuqu tajr protett ibbalzmat. Da parte tieghu, fid-depozizzjoni tieghu, l-imputat Nathaniel Agius (a fol. 43 et seq.) jispjega li t-tajr kollu li kien ghand nanntu ma kienx tieghu u kien ta' nannuh li ilu mejjet minn meta l-imputat kellu tmien snin u li llum ghandu wiehed u ghoxrin sena.

**Il-kacca**

Din il-Qorti taghmilha cara mill-bidu nett li filwaqt li m'ghandhiex oggezzjoni li l-kaccaturi jgawdu mid-drittijiet taghhom, mhix ser tittolera ebda agir kriminali.

Il-maggoranza l-kbira tal-kaccaturi jipprattikaw id-delizju taghhom bl-aktar mod responsabbli u serju, madanakollu minoranza żghira hafna qed tkisser id-delizju tal-kacca b'detriment lejn dawk il-kaccaturi li huma fil-fatt responsabbli.

Il-kacca ghal-tajr protett ghall-ibbalzmar, ghandha tigi kkundannata ghax dawn huma atti kkundannabli. Il-Qorti ma teskludix li dan qieghed isir minn persuni b'mod mahsub ta' *poaching* ghal ragunijiet kummercjali ta' ibbalzmar.

Il-kaccaturi m'ghandhom l-ebda "dritt" joqtlu tajr protett ghal-gost jew gwadann personali.

F'dan il-kaz l-imputat ma kkollaborax mal-pulizija u ma ndikax minn kien l-ibbalzmatur tat-tajr protett.

Il-pieni huma ta' deterrent bizzejjed u din il-Qorti se tibghat messagg car.  Dan mhux kaz li l-imputat ma jafx bil-konsegwenzi ta' ghemilu.

Il-Qorti hija konvinta li ghad hemm dawk li jahsbu li jiksru l-ligi ghax hemm cans li ma jinqabdux u jekk jinqabdu hemm cans li ma jinstabux hatja u jekk jinstabu hatja il-piena m'hijiex harxa bizzejjed.

In-natura hija ta kulhadd.  Kulhadd ghandu dritt japprezza s-sbuhija ta' tajra hajja ttir madwaru u hadd m'ghandu d-dritt inehhi dan il-gost. Il-maggoranza tal-poplu li tpoggilhom tajra bbalzmata quddiemhom ma jaraw fiha l-ebda apprezzament, gost u sbuhija.

Dan il-kaz ghandu jservi ta' twissija lil kulhadd. Fuq kollox, ghandu jservi lil kaccaturi responsabbli biex iżidu l-kollaborazzjoni taghhom mall-pulizija u jghinu biex jinqabdu dawk irresponsabbli, kif gara f'dan il-kaz, fejn waslet informazzjoni anonima, bil-pulizija tiehu passi minnufih.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti taghmel referenza ghal dak li stqarr l-imputat fl-istqarrija (Dok. BCS 1 a fol. 38 et seq.) rilaxxata minnu lill-pulizija. Jibda billi jinghad li qabel giet mehuda l-istqarrija tal-imputat, l-imputat inghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat tal-ghazla tieghu kif fil-fatt ghamel. Fl-istqarrija rilaxxata minnu, l-imputat ikkonferma li fid-dar tan-nanna tieghu nstabu fil-vetrina zewg tajriet protetti u wiegeb li wahda kien qabadha f'Ottubru jew Novembru imma ma jafx is-sena (a fol. 39) u ohra kien sabha hajja u prova jhalliha tghix, izda din mietet wara jumejn. *"Dik ilha ftit balzmata.  Nahseb madwar 3 snin".*

Fl-istqarrija li ta l-imputat fl-20 ta' Frar 2015 meta l-abbli prosekutur l-Ispettur Bernard Charles Spiteri saqsih l-imputat wiegeb b'dan il-mod:

**BCS** *"Issa fir-rigward ta' tajr ibbalzmat li hemm fid-dar ta' nanntek ta' Sannat. L-ewwelnett dawn it-tajr inti taf ta' min huma?"*

**NA** *"Dawk it-tajr li raw il-pulizija huma tieghi.*

**BCS** *"Jigifieri dawn qbathom inti?"*

**NA** *"Iva".*

**BCS** *"Kemm ilek bhala zmien taqbad minn dawn it-tajr?"*

**NA** *"Minn mindu gibt il-licenzja ilni naqbad dawn it-tajr. Licenzja ilni li gibtha madwar sentejn".*

Illi fil-kamp penali dejjem gie ritenut li l-konfessjoni – popolarment maghrufa bhala l-istqarrija tal-imputat jew l- akkuzat – hija l-prova regina li tista' tressaq il-prosekuzzjoni biex tipprova l-htija tal-persuna akkuzata, dment li din tkun saret volontarjament u ma gietx imgieghla, jew mehuda b'theddid, jew b'biza', jew b'weghdiet jew twebbil ta' vantaggi (artikolu 658 tal-Kodici Kriminali).

Mix-xhieda li ta' Gilbert Haber, ufficjal fl-iSpecialist Enforcement Branch tal-Wild Birds Regulation Unit (a fol. 20) johrog li l-imputat qatt ma kien ghamel xi dikjarazzjoni ta' ghasafar ibbalzmati kif ukoll l-ebda persuna f'dak l-indirizz fejn instabu qatt ma kienet iddikjarat xi tajr protett ibbalzmat.

L-ufficjal Haber fid-deposizzjoni tieghu jghid *"li minn dawn l-ghasafar irrizulta li zewg ezemplari m'humiex ezemplari mnizzla fl-iskeda tnejn jew tlieta tal-legal notice 79/2006, ghalhekk il-pussess taghhom ma kienx legittimu. Fil-fatt ezemplari minnhom, minn dawn it-tnejn, kien ukoll imnizzel fi skeda wiehed, ghalhekk huwa protett b'mod strett ukoll. Jien indikajt lill-pulizija dawn iz-zewg ezemplari u dawn gew sekwestrati"*

L-istess ufficjal esebixxa lista tat-tjur kollha li kellu fil-vetrina l-imputat b'ritratti taghhom (Dok GH 1 a fol. 23 u Dok GH 3 a fol. 25 et seq.) u dokument intestat bhala **Mounted Protected Bird seized from Agius Nathaniel of Xewkija I.D. 24293(G)** (Dok GH 2 a fol. 24) u ritratt taz-zewg

tajriet protetti (a fol. 34). L-isem xjentifiku tat-tajriet hu ***Porzana porzana*** (*Spotted Crake* – Gallozz tat-Tikek) u ***Tringa stagnatilis (****Marsh Sandpiper* – Cewcewwa Zghira).

Illi l-imputat meta ghazel li jaghti x-xiehda tieghu qal li hu qal lill-pulizija li t-tajr kien tieghu biex jevita li n-nanna tieghu titla' tixhed fil-proceduri. Qal li t-tajr esebit mill-pulizija f'dawn il-proceduri kienu ta' nannuh mejjet.

Anke l-avukat difensur prova jiehu lil din il-Qorti fuq il-pista li t-tajr kienu fil-vetrina li kienet dejjem inzammet maghluqa u ghalhekk t-tajr baqghu fi stat daqshekk tajjeb.

Il-Qorti inzertat li ghandha ftit esperjenza fejn jidhol insib u kacca, ghaliex trabbiet f'ambjent ta' kaccaturi u nassaba u ghalhekk la l-imputat u anqas l-avukat difensur tieghu li qieghed jipprova jipprovdi l-ahjar difiza lill-klijent tieghu m'huma se jikkonvincu li t-tajr esebit ilu s-snin ibbalzmat.

Il-Qorti fil-provi prezentati quddiemha mill-prosekuzzjoni hemm id-decizjoni li tat il-Qorti diversament preseduta fis-17 ta' Ottubru 2013 **Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Nathaniel Agius**, (a fol. 6 et seq.) fejn f'din id-decizjoni tirreferi ghal dak li qal l-imputat lill-pulizija meta nqabad dakinhar *"Rigward, it-tajr ibbalzmat jammetti illi dawn kien sabhom mormija gewwa l-eghlieqi u kien ibbalzmhom."* Il-Qorti rreferit ukoll ghall-istqarrija tal-imputat *"Madanakollu mill-istqarrija tieghu l-imputat stess jammetti li kien sab dawn l-ghasafar u ibbalzmahom."* Il-Qorti dakinhar ma emmnitux u lanqas illum m'hi ser temmen lill-imputat li t-tajr kien ta' nannuh u llum irid jaghmilha ta' kavallier biex jevita' li jinkwieta lil nanntu u jevitalha l-iskarigg milli tissejjah biex tixhed fil-Qorti. Lill-pulizija *a tempo vergine* qalilhom li t-tajr kien tieghu.

Mill-affidavit ta' WPC 133 A Sammut (fol. 15) johrog li *"fit-tieni sular Nathaniel wriena vetrina bit-tajr. Fil-vetrina kien hemm 27 tajra ibbalzmati u zewgt ifniek ibbalzmati. Nathaniel infurmana li l-vetrina kienet tieghu u li wahda mit-tajr li kien hemm gol-vetrina kienet Piswejta li hi illegali … Hekk kif Gilbert Haber kien qieghed jispezzjona l-vetrina huwa nnota li kien hemm tajra ohra protetta li kienet Gallozz tat-tikek".*

Mix-xiehda ta’ PC 60 J Grima (fol. 18) johrog li “*Hu* (l-imputat) *minnufih infurmana illi l-vetrina kienet kollha kemm hi tieghu u zied jghidilna illi wiehed mit-tajr li kien hemm gewwa din il-vetrina kienet protetta u li kienet Piswejta* ...”

Rigward il-konflitt bejn ix-xhieda moghtija mill-Ispettur Bernard Charles Spiteri u l-imputat, l-Qorti taghmel riferenza ghall-artikolu 638(2) tal-Kap. 9 li jghid illi xhieda ta’ xhud biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatti, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Din il-Qorti jidhrilha illi x-xhieda ta’ l-Ispettur Bernard Spiteri ghandha tigi emmnuta peress illi dina tinkwadra fis-shih ma' dawn ir-reati u c-cirkostanzi illi kien jinsab fihom l-imputat.

Il-Qorti hija tal-fehma li x-xhieda tal- imputat assolutament m’hiex kredibbli u ser torndna investigazzjoni mill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex isir l-istharrig necessarju inkluz jitqabbel dak li xehed l-imputat f'dawn l-atti u dak li ddikjara fil-process deciz fis-17 ta' Ottubru 2013 **Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Nathaniel Agius**.

Tenut kont ta’ dak li nghad hawn fuq u ta’ dak li jirrizulta mill-atti processwali, l-Qorti m’ghandha jibqghalha l-ebda dubju li r-reati elenkati wiehed (1), tnejn (2), tlieta (3) u erbgha (4) gew ilkoll sodisfacentement pruvati.

**Ikkunsidrat**

L-imputat jinsab akkuzat ukoll bi tliet akkuzi ohra marbuta mal-kacca tat-tajr.

Il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Darmanin** moghtija fid-9 ta’ Lulju 2002:

*“Izda l-ligi mkien ma tghid li l-Prosekuzzjoni trid tipprova li xi hadd spara. Il-Legislatur juza kelma ohra ‘tikkaccja’ liema kelma mhix limitata ghall-isparar izda tfisser ukoll li wiehed jigri wara l-annimal li jrid jaqbad. Id-definizzjoni ta’ ‘kacca’ li tidher fl-Avviz Legali hija hekk:*

*“ ‘kacca’ u ‘tikkaccja’ tfisser tikkaccja jew tuza arma tan- nar jew arma ohra ta’ kull tip sabiex tikkaccja,’*

*“Il-kongunzjoni alternattiva ‘jew’ uzata mil-Legislatur turi li l- kelma ‘kacca’ mhux bilfors tfisser uzu ta’ arma. Id- definizzjoni taghti tifsira aktar wiesgha tal-kalma ‘kacca’ u mhix limitata ghal xi sparatura biss.*

*“Li trid taghmel il-Prosekuzzjoni huwa li tipprezenta provi diretti jew provi cirkostanzjali univoci – li ghandhom jistghu jkunu bizzejjed biex iwassluk ghall-konkluzjoni logika u intelligenti – li ma jhallu ebda dubju li persuna kienet qed tikkaccja.”*

Il-Qorti qieghda ssib htija fl-imputazzjonijiet elenkati hamsa (5), sitta (6) u sebgha (7) li gew ilkoll sodisfacentement pruvati anke bl-istqarrija li ta lill-pulizija l-imputat stess (a fol. 39):

**BCS** *“Issa l-pulizija elevaw minghandek zewg tajriet li huma Gallozz tat-Tikek u Piswejta. Inti dawn naqblu li kont taf li l-pussess taghhom hu illegali?*

**NA** *“Tal-Gallozz ma kontx naf ghax jien minghalija li kien Water Rail u li din hi tajra li tista’ toqtolha. Jien sirt naf li ma nistax noqtlu ghax qalli l-espert tal-MEPA illum x’hin gew il-pulizija”*

**BCS** *“Inti dawn iz-zewg tajriet int qtilthom?*

**NA** *“Jien Spotted Crake iva. Dak kien xi darba f’Ottubru jew Novembru imma ma nafx ta’ liema sena. Fuq il-Piswejta dik jien kont sibtha hajja u pruvajt nhalliha tghix, ida din mietet wara jumejn. Dik ilha ftit balzmata. Nahseb madwar 3 snin”.*

## Ikkunsidrat

L-imputat qieghed ikun akkuzat ukoll li sar ricediv b’sentenza moghtija mill-Qorti ta’ Ghawdex bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fis-17 ta’ Ottubru 2013 moghtija mill-Magistrat Edwina Grima.

Skont gurisprudenza kostanti, il-prova tar-recidiva – sakemm ma jkunx hemm ammissjoni – hija;

*"billi tigi esibita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva u wara issir il-prova tal-identita'. L-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesibixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem minkejja l- ezenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova tal- identita'. Jekk ma tigix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja ufficjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuza, allura wiehed ma jistax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament precedentement l-akkuzat kienx ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati.*

*Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti."* [1]

Ma' din is-silta mis-sentenza li ghaliha saret riferenza l-Qorti qed izzid "li l-prova tar-recidiva, barra mill-ammissjoni tal-imputat innifsu tista' ssir ukoll billi tkun prodotta kopja tas-sentenza li jkun hemm indikat fiha n-numru tal-identita'. Dan in-numru jkun jista' jitqabbel ma' dak li jkollu l-imputat jew l-akkuzat. Ma jistax ikun hawn zewg persuni li jkollhom l-istess numru tal-identita'".[2]

Il-prosekuzzjoni esebiet is-sentenza moghtija fis-17 ta' Ottubru 2013 **Il-Pulizija vs Nathaniel Agius et**. (Dok A. a fol. 6) u ghalhekk l-imputazzjoni numru tmienja (8) giet ampjament pruvata skont il-ligi.

## Ikkunsidrat

Din il-Qorti qed tapplika l-artikolu 17(h) tal-Kap 9. Skont l-ewwel parti tan-Noti tal-Professur Mamo[3]:

[1] **Pulizija versus Carmelo Fenech** – Qorti tal-Appell Kriminali 8 ta' Frar 2005 Volum' LXXXIX Part IV paġina 287 et.
[2] Appell Kriminali Il-**Pulizija Vs Joseph Darmanin** deciz mill-Imhallef Lawrence Quintano fid-9 ta' Lulju, 2012
[3] Professor Sir Anthony Mamo - Notes on Criminal law Part 1 page 152

*"In order that the violations of the several provisions of the law may constitute and be dealt with as one single offence, it is essential that they be the result of one single action on the part of the offender and of one and the same criminal determination.*

Omissis

Our law makes no explicit mention of this form of ideal concursus: but our Courts have constantly accepted and applied the doctrine. In re 'Camilleri v Cilia et (2.XII. 1839) the Criminal Court of Appeal said:

*'It is a well established principle of our jurisprudence that where the same fact, resulting from one and the same criminal determination, occasions several violations of law, there are not several distinct offences, but there is only one offence, the smaller violations being merged into the graver violation.' (See also 'The Police versus Cefai' (10.XII.1938; 'The Police v Pace' (28th January 1939')".*

Bhala piena l-Qorti sejra tkun severa, filwaqt li m'hiex se timponi piena karcerarja se timponi piena pekunjarja u dan kif permess bil-ligi, se tibaghat messagg car kemm lill-imputat kif ukoll lill-kaccaturi u nassaba kollha, li min ha jazzarda jabbuza mill-koncessjoni li ghandu, allura ser ibaghti l-konsegwenzi.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti wara li rat Regolament 4(1)(a), 4(1)(e), 4(1)(f), 21(5), 5(1), 5(3)(a) u Skeda 1 tal-A.L. 79 tal-2006 kif emendat u Artikoli 17(h) u 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat Nathaniel Agius hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4), tal-hames (5), tas-sitt (6), tas-seba' (7) u tat-tmien (8) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa komplessiva ta' tmint elef ewro (€8,000).

Inoltre tordna r-revoka permanenti ta' kull licenza jew permess, mahruga taht dawn ir-regolamenti u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija f'isem il-hati, liema revoka tibda tghodd minn nofsinhar ta' llum.

Il-Qorti tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-ghasafar ibbalzmati li huma indikati bhala Dok BSC 3.

Finalment l-Qorti, peress li jirrizulta li x-xhieda moghtija mill-hati hija inveritjiera, tordna li kopja tat-traskrizzjoni tad-depozizzjoni tieghu, flimkien ma' kopja tat-traskrizzjoni tal-Ispettur Bernard Charles Spiteri u Gilbert Haber u d-dokument esebiti minnhom f'dan il-process, kif ukoll kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Kummissarju tal-Pulizija ghal dik l-azzjoni opportuna ai termini tal-Ligi.

---

**Dr Joseph Mifsud**
**Magistrat**